

**Emenda 315****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sal-31 ta' Diċembru **2028**, u kull ħames snin minn hemm ‘il quddiem, *u aktar ta’ spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha*, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Emenda*

1. Sal-31 ta' Diċembru **2032**, u kull ħames snin minn hemm ‘il quddiem il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

**Emenda 316****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ir-rieżami għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva għandhiex bżonn tīgħi riveduta bil-ħsieb li jiġi żgurat l-allinjament mal-Linji Gwida dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO) u mal-aħħar informazzjoni xjentifika.

*Emenda*

Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ir-rieżami għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva għandhiex bżonn tīgħi riveduta bil-ħsieb li jiġi żgurat l-allinjament, *sa fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli*, mal-Linji Gwida dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO) u mal-aħħar informazzjoni xjentifika.

Or. en

**Emenda 317****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(a) kejl fiss tal-materja partikolata ( $PM_{10}$  u  $PM_{2.5}$ ), tad-diġġidu tan-nitroġenu ( $NO_2$ ), tal-ożonu ( $O_3$ ), ***tal-karbonju iswed (BC)***, ***tal-ammonijaka ( $NH_3$ )*** u ***tal-partikoli ultrafini (UFP)***.

(a) kejl fiss tal-materja partikolata ( $PM_{10}$  u  $PM_{2.5}$ ), tad-diġġidu tan-nitroġenu ( $NO_2$ ), tal-ożonu ( $O_3$ );

Or. en

6.9.2023

A9-0233/318

**Emenda 318**

**Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**A9-0233/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-kejl tal-merkurju divalenti partikolat u gassuż jiista' jitwettaq ukoll f'supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali.

*Emenda*

7. Il-kejl tal-merkurju divalenti partikolat u gassuż, ***tal-karbonju iswed (BC), tal-ammonijaka (NH<sub>3</sub>) u tal-partikoli ultrafini (UFP)***, jiista' jitwettaq ukoll f'supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali.

Or. en

**Emenda 319****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 12 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. F'żoni fejn il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata ( PM<sub>10</sub>, PM<sub>2.5</sub>), iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, ***l-arseniku, il-kadmju, in-nikil*** u l-benżo(a)piren fl-arja ambjentali jkunu taħt il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Taqsima 1 tal-Anness I , l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt il-valuri ta' limitu.

*Emenda*

1. F'żoni fejn il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata ( PM<sub>10</sub>, PM<sub>2.5</sub>), iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju u l-benżo(a)piren fl-arja ambjentali jkunu taħt il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Taqsima 1 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt il-valuri ta' limitu.

Or. en

**Emenda 320****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**Proposta għal direttiva****Artikolu 12 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu huma taħt ***il-valur*** fil-mira ***għall-ożonu***, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt ***il-valur*** fil-mira ***għall-ożonu*** u jaħdmu biex jilħqu l-objettivi fit-tul spċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I, sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, u dment li l-miżuri meħtieġa ma ***jfissrux*** kost sproporzjonat.

*Emenda*

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu, ***tal-arseniku, tal-kadmju u tan-nikil*** huma taħt ***il-valuri*** fil-mira, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt ***il-valuri*** fil-mira u jaħdmu biex jilħqu l-objettivi fit-tul spċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I, sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, u dment li l-miżuri meħtieġa ma ***jkunux ifissru*** kost sproporzjonat.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Target values shall be maintained for metals (arsenic, cadmium and nickel). Similarly to ozone, these metals shall be exempted from setting limit values due to complex characteristics which need to be considered when assessing the feasibility of complying with WHO levels. In the case of metals, contributions from natural sources shall be considered when assessing compliance.*

*External factors such as unstable meteorological conditions (dry weather, thermal inversion) or local geographical situation are important to consider at specific monitoring stations. It is important to take into account local conditions. The natural occurrence of metals and the co-existence of*

*other activities contributing to air pollution must be taken into careful consideration. It is important to restate the concept of target values for metals (arsenic, cadmium and nickel) to avoid disproportionate costs that clearly outweighs the benefits.*

**Emenda 321****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**Proposta għal direttiva****Artikolu 13 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni kollha tagħhom, il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, tad-diossidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata (PM<sub>10</sub> u PM<sub>2.5</sub>), taċ-ċomb, tal-benżen, tal-monossidu tal-karbonju, ***tal-arseniku, tal-kadmju, tan-nikil*** u tal-benżo(a)piren fl-arja ambjentali, ***ma'*** jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni kollha tagħhom, il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, tad-diossidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata (PM<sub>10</sub> u PM<sub>2.5</sub>), taċ-ċomb, tal-benżen, tal-monossidu tal-karbonju u tal-benżo(a)piren fl-arja ambjentali, ***ma*** jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

Or. en

**Emenda 322****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**

Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 13 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2.. Għall-ożonu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw billi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet sproporzjonati, li fiż-żoni kollha l-livelli ma *jisbqux* il-valuri fil-mira għall-ożonu, kif stipulat fit-Taqsima 2, il-Punt B, tal-Anness I.

*Emenda*

2.. Għall-ożonu, ***għall-arseniku, għall-kadmju u għan-nikil***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, billi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet sproporzjonati, li fiż-żoni kollha l-livelli ma *jaqbżux* il-valuri fil-mira għall-ożonu, kif stipulat fit-Taqsima 2, il-Punt B ***u fit-Taqsima 1, il-Punt 3***, tal-Anness I. ***Il-miżuri ma għandhomx jirrikjedu xi miżuri li jinvolvu kostijiet sproporzjonati li jmorru lil hinn mill-applikazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) kif meħtieġ bid-Direttiva 2010/75/UE.***

Or. en

**Emenda 323****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttora***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fejn, f'żona partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu għall-materja partikolata ( $PM_{10}$  u  $PM_{2.5}$ ) jew ***id-diossidu tan-nitroġenu*** ma jistgħux jinkisbu sal-iskadenza speċifikata fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, minħabba karatteristiċi ta' dispersjoni speċifiċi għas-sit, kundizzjonijiet ta' konfini orografiċi, kundizzjonijiet klimatiċi ħġiena jew kontribuzzjonijiet transkonfinali, Stat Membru jista' jipposponi dik l-iskadenza darba sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona partikolari, jekk jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

1. Fejn, f'żona partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu għall-materja partikolata ( $PM_{10}$  u  $PM_{2.5}$ ), ***għad-diossidu tan-nitroġenu, għall-benżen, għad-diossidu tal-kubrit*** jew ***għall-benzo(a)piren*** ma jistgħux jinkisbu sal-iskadenza speċifikata fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, minħabba karatteristiċi ta' dispersjoni speċifiċi għas-sit, kundizzjonijiet ta' konfini orografiċi, kundizzjonijiet klimatiċi ħġiena jew kontribuzzjonijiet transkonfinali ***jew kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi***, Stat Membru jista' jipposponi dik l-iskadenza darba sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona partikolari, jekk jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

**Emenda 324****Anna Zalewska**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Javi López**Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa  
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))**A9-0233/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġidid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*3a. Il-miżuri preskritti taħt il-paragrafi 1 sa 3 għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tal-potenzjal tagħhom għall-mitigazzjoni tal-qbiż tal-valuri ta' limitu kif ukoll tal-kostijiet u tal-benefiċċċi tagħhom, kif rakkommandat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, filwaqt li titqies b'mod speċifiku l-leġiżlazzjoni ambjentali speċifika għas-settur.*

Or. en